



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.8.2012
COM(2012) 461 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/015 FR/Peugeot minn Franza)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, bil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 000 000 'il fuq mil-limiti tal-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Il-kundizzjonijiet applikabbli għall-kontribuzzjonijiet minn dan il-Fond huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fil-5 ta' Mejju 2010, Franza ressqet l-applikazzjoni EGF/2010/015 FR/Peugeot bil-ħsieb li tikseb kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara xi sensji li saru fi ħdan żewġ sussidjarji tal-grupp PSA Peugeot Citroën (Peugeot Citroën Automobiles et Sevelnord) fi Franza.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma ssodisfati.

SOMMARJU U ANALIŻI TAL-APPLIKAZZJONI

Dejta ewlenija:	
Nru ta' Referenza tal-FEG	EGF/2010/015
Stat Membru	Franza
Artikolu 2	a)
Impriża primarja kkonċernata	PSA Peugeot Citroën
Fornituri u produttori fl-istadju aħħari ta' produzzjoni	0
Perjodu ta' referenza	1.11.2009 – 28.2.2010
Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati	1.1.2009
Data tal-applikazzjoni	5.5.2010
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	649
Sensji qabel u wara l-perjodu ta' referenza	1 440
Sensji totali eliġibbli	2 089
Ħaddiema li nġhataw is-sensja u li huma identifikati għall-għajnuna	2 089
Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	18 352 056
Nefqa għall-intervent tal-FEG3 (EUR)	32 047
Nefqa għall-intervent tal-FEG (%)	0,17
Baġit totali (EUR)	18 384 103
Kontribuzzjoni tal-FEG (65%) (EUR)	11 949 666

1. L-applikazzjoni tressqet lill-Kummissjoni fil-5 ta' Mejju 2010 u kienet supplimentata b'informazzjoni addizzjonali sat-13 ta' April 2012.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ B'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-intervent tal-FEG kif stabbiliti fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fi żmien il-perjodu speċifikat ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fil-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali

3. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, Franza tiddikjara li minħabba din il-kriżi, permezz tal-isfukar tal-perspettivi ta' tkabbir u l-kundizzjonijiet ta' kreditu aktar stretti li rriżultaw minħabba fiha, l-individwi bdew ikollhom dubji dwar is-sigurtà tal-impjeg tagħhom u pposponew ix-xiri ta' vettura. Fl-istess ħin, minħabba d-deġenerazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika, l-impriżi kollha wkoll naqqsu l-investimenti tagħhom u, għalhekk, it-tiġdid tal-flotta tal-vetturi tagħhom. Għalhekk, minkejja l-miżuri temporanji li ttieħdu minn ċerti Stati Membri (pereżempju, programmi għall-iskrappjar), is-suq Ewropew tal-vetturi - b'mod partikolari fl-Ewropa tal-Punent, li huwa l-akbar suq għall-grupp PSA Peugeot Citroën⁴ - ikkollassa f'daqqa fit-tieni semestru tas-sena 2008, bi tnaqqis fir-reġistrazzjonijiet ta' vetturi privati u kummerċjali ħfief fl-Ewropa (18-il pajjiż tal-Ewropa tal-Punent) ta' 10,7% fit-tielet semestru u ta' 17% fir-raba' semestru 2008, meta mqabbel mal-istess perjodu fis-sena preċedenti. It-tnaqqis fil-bejgħ tal-vetturi minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali affettwa direttament ir-riżultati ekonomiċi tal-grupp PSA Peugeot Citroën, li għamel telf ta' EUR 344 miljun fis-sena 2008 filwaqt li kien għad qed jagħmel benefiċċju (EUR 731 miljun) fl-aħħar tal-ewwel semestru tal-istess sena.

Biex jegħleb din il-kriżi temporanja, il-grupp PSA Peugeot Citroën l-ewwel naqqas sew l-użu tiegħu tal-ħaddiema temporanji u stabbilixxa miżuri temporanji (Pereżempju: l-annwalizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, il-qgħad parzjali) sabiex inaqqas il-produzzjoni tiegħu filwaqt li jżomm l-impjegati tiegħu. Meta beda jidher ċar li dawn l-inizjattivi ma kinux se jkun biżżejjed biex ikun jista' jiffaċċja t-tnaqqis fil-bejgħ tal-vetturi, il-grupp PSA Peugeot Citroën għażel li jistabbilixxi pjan ta' sejħa għal tluq volontarju.

4. Barra minn hekk, b'reazzjoni għal talbiet preċedenti relatati mas-settur tal-vetturi⁵⁶, il-Kummissjoni diġà rrikonoxxiet li dan kien ġie affettwat ħafna mill-kriżi finanzjarja li hija l-kawża tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, billi minn 60% sa 80% (skont l-Istati Membri) tal-vetturi ġodda mibjugħa fl-Ewropa jinxtrow b'faċilitajiet ta' kreditu⁷. Matul it-tieni trimestru 2009, kien hemm tnaqqis ta' 39,5% tal-għadd totali ta' vetturi prodotti fl-Unjoni Ewropea meta mqabbel mas-sena preċedenti. Il-kriżi affettwat ħafna l-fabbrikanti Ewropej ewlenin tal-vetturi u l-fornituri tagħhom⁸.

⁴ Is-suq Ewropew, fis-sens ġenerali (30 pajjiż) jirrappreżenta 74% tal-bejgħ tal-marka Peugeot u 80% tal-bejgħ tal-marka Citroën.

⁵ COM(2011) 664, 13.10.11, Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG (applikazzjoni EGF/2011/005 PT/Norte-Centro Automotive mill-Portugall).

⁶ COM(2011) 420, 11.7.11, Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG (applikazzjoni EGF/2009/019 FR/Renault minn Franza).

⁷ COM(2009) 104, 25.2.2009, "Reazzjoni għall-kriżi fl-industrija awtomobilistika Ewropea".

⁸ Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija: "Impact of the economic crisis on the manufacturing and construction industries – April 2009 update" (Impatt tal-kriżi ekonomika fuq l-industriji tal-manifattura u l-kostruzzjoni - Aġġornament ta' April 2009) (http://ec.europa.eu/enterprise/newsroom/cf/itemsshortdetail.cfm?lang=fr&tpa_id=0&item_id=3437).

Indikazzjoni tal-għadd tas-sensji u l-konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)

5. Franza ressqet l-applikazzjoni tagħha skont il-kriterju ta' intervent previst fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jimponi l-għotja ta' kontribuzzjoni mill-FEG għas-sensja ta' mill-inqas 500 impjegat minn impriża ta' Stat Membru, fuq perjodu ta' erba' xhur, inklużi l-ħaddiema li jingħataw is-sensja mill-fornituri tagħha jew mill-produtturi involuti fl-istadju aħħari ta' produzzjoni.
6. L-applikazzjoni li tressqet kienet għal 649 sensja li saru fi ħdan il-grupp PSA Peugeot Citroën matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur bejn l-1 ta' Novembru 2009 u t-28 ta' Frar 2010. L-applikazzjoni ssemmi wkoll 1 440 sensja oħra li jirriżultaw mill-istess pjan għas-sensji bbażat fuq it-tluq volontarju u li sar ukoll fi ħdan il-grupp PSA Peugeot Citroën, iżda mhux fil-perjodu ta' referenza. L-għadd totali ta' dawn is-sensji ġie kkalkolat skont id-dispożizzjonijiet tal-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawn is-sensji

7. L-awtoritajiet Franċiżi ddikjaraw li l-kriżi finanzjarja dinjija wasslet għal kollass f'daqqa tal-perspettivi tal-produzzjoni ta' vetturi mill-grupp PSA Peugeot Citroën. Il-grupp kellu aċċelerazzjoni taż-żieda fil-bejgħ tiegħu fl-2007 (1,7% fl-ewwel semestru u 6,2% fit-tieni, meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena preċedenti). Għalhekk kien qed jippjana li jkollu xejra pożittiva simili fl-2008. Iżda l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali - li l-bidu u l-konsegwenzi tagħha ma kinux ġew previsti - sfaxxat il-perspettivi pożittivi tal-grupp, mingħajr ma dan seta' jħejji ruħu għal din il-bidla.

Identifikazzjoni tal-impriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema li se jingħataw l-għajnuna

8. L-applikazzjoni tikkonċerna 649 sensja li saru fi ħdan iż-żewġ sussidjarji tal-grupp PSA Peugeot Citroën (Peugeot Citroën Automobiles et Sevelnord).

Isem l-impriżi	Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza
Peugeot Citroën Automobiles	630
Sevelnord	19
Total	649

B'mod konformi mal-Artikolu 3(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, minbarra l-ħaddiema li ngħataw is-sensja matul il-perjodu ta' referenza, 1 440 ħaddiema li ngħataw is-sensja mill-istess impriżi qabel u wara l-perjodu msemmi skont l-istess pjan għas-sensji bbażat fuq it-tluq volontarju, huma identifikati biex jingħataw l-għajnuna. L-għadd totali ta' ħaddiema li jistgħu jibbenefikaw mill-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati kkofinanzjat għalhekk huwa ta' 2 089.

9. It-tqassim tal-ħaddiema identifikati huwa kif ġej:

Kategorija	Għadd	Perċentwali
Irġiel	1 623	77,69
Nisa	466	22,31
Ċittadini tal-UE	2 028	97,08
Ċittadini ta' pajjiżi terzi	61	2,92

Bejn 15 u 24 sena	13	0,62
Bejn 25 u 54 sena	1 208	57,83
Bejn 55 u 64 sena	868	41,55
> 64 sena	0	0,00

10. Fost il-ħaddiema identifikati hemm 108 (5,2%) li għandhom problema tas-saħħa jew diżabbiltà għal żmien twil.
11. F'termini ta' kategoriji professjonali, it-tqassim huwa kif ġej:

Kategorija	Għadd	Perċentwali
Maniġers	344	16,47
Impjegati, tekniki u kontrolluri (employés, techniciens et agents de maîtrise - ETAM)	494	23,65
Ħaddiema	1 251	59,89

12. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, Franza tikkonferma li ġiet applikata, u se tkompli tiġi applikata, politika ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-FEG u, b'mod partikolari, għall-aċċess fl-FEG.

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u partijiet interessati oħra tiegħu

13. Is-sensji msemmijin f'din l-applikazzjoni jikkonċernaw għaxar reġjunijiet Franċiżi, li l-maġġoranza tagħhom jinstabu fin-naħa ta' fuq tat-territorju. Madankollu, dan it-tluq volontarju jaffettwa b'mod aktar speċifiku l-Bretagne (32% tat-tluq volontarju), l-Île-de-France (25%) u l-Franche-Comté (13%).
14. L-awtorità kompetenti hija l-Ministeru tax-Xogħol, l-Impjieg u s-Saħħa, u b'mod partikolari d-Delegazzjoni Ġenerali għall-Impjieg u t-Taħriġ Professjonali. Il-partijiet interessati lokali l-oħra huma d-diretturi reġjonali tal-impriżi, tal-kompetizzjoni, tal-konsum, tax-xogħol u tal-impjieg, kif ukoll l-unitajiet territorjali tagħhom. Il-grupp PSA Peugeot Citroën innifsu huwa wkoll parteċipant ewlieni u se jikkoordina l-pjan.

Effetti mistennija tas-sensji fuq l-impjieg lokali, reġjonali jew nazzjonali

15. Il-pjan tat-tluq volontarju tal-grupp PSA Peugeot Citroën jikkonċerna l-aktar l-erba' reġjuni Franċiżi li ġejjin, organizzati skont l-għadd ta' sensji mill-akbar sal-iżgħar:
- Bretagne (1 473 sensja): Is-sit ta' Rennes jinsab f'żona ta' impjieg li għandha livell ta' qgħad li huwa inqas mill-medja nazzjonali (rispettivament 7% u 9,3% fl-2011), iżda f'din iż-żona l-grupp PSA Peugeot Citroën huwa l-impjegatur ewlieni;
 - Franche-Comté (803 sensja): Is-siti ta' Sochaux u Vesoul jinsabu f'żona ta' impjieg li l-livell ta' qgħad tagħha (12,2% fl-2011) huwa oġġa mill-medja nazzjonali b'mod sinifikanti. Dan it-territorju, li fl-istorja tiegħu l-industrija b'mod ġenerali, u partikolarment l-industrija tal-vetturi, kellha rwol importanti, kien affettwat ħafna mill-kriżi ekonomika;

- Île-de-France (515-il ħaddiem indikat): Is-siti tal-Île-de-France jinsabu f'żona ta' impjieggi fejn il-livell tal-qgħad (8,4% fl-2011) għandu tendenza jkun inqas minn dak ta' Franza metropolitana, iżda fejn l-impjieggi fis-settur industrijali qed jonqsu b'ritmu aktar konsistenti milli dawk fir-reġjuni Franċiżi l-oħra. Għalhekk, bejn l-1999 u l-2008, l-impjieggi tal-industrija fl-Île-de-France naqsu bi 2,5% kull sena bħala medja, meta mqabbla ma' 1,4% fil-bqija ta' Franza⁹;
 - Alsace (428 sensja): Is-sit ta' Mulhouse jinsab f'żona ta' impjieggi li għandha livell għoli ta' qgħad (11,5% fl-2011). F'dan it-territorju l-impjieggi fl-industrija qed jonqsu b'rata mgħaġġla (-4,7% bejn l-2003 u l-2007). Il-grupp PSA Peugeot Citroën huwa l-impjegatur ewlieni fir-reġjun;
 - Lorraine (400 sensja): Is-siti ta' Metz u Tremery jinsabu f'żona ta' impjieggi li l-livell ta' qgħad tagħha (10,5 % fl-2011) huwa ogħla mill-medja nazzjonali. Dan it-territorju huwa essenzjalment ibbażat fuq is-settur terzjarju, iżda huwa affettwat minn tnaqqis kontinwu tal-impjieggi fl-industrija (-1,76% bejn l-2003 u l-2007). Il-grupp PSA Peugeot Citroën, biż-żewġ siti tiegħu, huwa l-akbar impjegatur privat fir-reġjun.
16. Il-pjan tat-tluq volontarju tal-grupp PSA Peugeot Citroën affettwa wkoll, għalkemm inqas, ir-reġjuni tan-Nord-Pas-de-Calais (142 ħaddiem indikat), il-Picardie (50 ħaddiem indikat), il-Basse Normandie (37 ħaddiem indikat), l-Auvergne (16-il ħaddiem indikat) u s-Centre (3 ħaddiema indikati).
17. B'aktar minn elf ħaddiem, is-sussidjarja Peugeot Citroën Automobiles tal-grupp PSA Peugeot Citroën għandha tikkontribwixxi għar-riġenerazzjoni ta' dawn ir-reġjuni, skont l-Artikolu L1233-84 tal-Kodiċi tax-Xogħol. Dan ifisser li l-impriża se tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' attivitajiet ġodda u ta' impjieggi ġodda, b'mod li taffi l-effetti tas-sensji f' dawn ir-reġjuni.

Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati, analiżi tal-ispejjeż smati u -kumplimentarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

18. Il-pjan tat-tluq volontarju mniedi mill-grupp PSA Peugeot Citroën fl-1 ta' Jannar 2009 kellu l-għan li jgħin il-5 100 ħaddiem ikkonċernati minn dan il-pjan. Sal-31 ta' Marzu 2010 kull wieħed minn dawn il-ħaddiema seta' jagħżel waħda mill-għażliet li ġejjin:
- 1) Il-proġett professjonali jew personali: Din l-għażla hija indirizzata lill-ħaddiema li l-proġett ta' bidla fl-impjieg tagħhom diġà huwa fil-fażi finali (pereżempju dawk li diġà jkollhom is-settur ta' attività jew l-impjegatur futur tagħhom deċiż), iżda li jeħtieġu akkumpanjament temporanju (minn xahar sa tliet xhur) biex jilħqu l-għan tagħhom. Dan l-akkumpanjament jikkonsisti l-aktar f'pariri, taħriġ jew għajnuna għall-ħolqien jew l-akkwiżizzjoni ta' impriża. Għadd ta' 113-il ħaddiem għażlu l-proġett professjonali jew personali;

⁹ "Industrie francilienne: des emplois plus qualifiés et moins industriels", INSEE, Diċembru 2011, http://www.insee.fr/fr/insee_regions/idf/themes/alapage/alap378/alap378.pdf

- 2) Il-liv għal bidla fl-impjieg: Din l-għażla hija indirizzata lill-ħaddiema li għad ma għandhomx proġett ta' bidla fl-impjieg preċiż fil-mument tat-tluq volontarju tagħhom u li jixtiequ jibbenefikaw, matul perjodu massimu ta' disa' xhur, minn miżuri ta' rikonverżjoni, pariri, orjentazzjoni jew għajnuna għall-ħolqien jew l-akkwiżizzjoni ta' impriża. Għadd ta' 1369 ħaddiem għażlu l-liv għal bidla fl-impjieg;
- 3) Il-ħolqien jew l-akkwiżizzjoni ta' impriża: Din l-għażla hija indirizzata lill-ħaddiema li l-proġett ta' bidla fl-impjieg tagħhom jikkonsisti fil-ħolqien jew l-akkwiżizzjoni ta' impriża, mingħajr ma jkunu jeħtieġu akkumpanjament fl-inizjattivi tagħhom. Għadd ta' 607 ħaddiem għażlu l-ħolqien jew l-akkwiżizzjoni ta' impriża;
- 4) It-tluq volontarju għall-pensjoni;
- 5) Għajnuna biex imorru lura għall-pajjiż ta' oriġini tagħhom;
- 6) Għajnuna għall-mobbiltà interna;
- 7) Għajnuna għal-liv fuq żmien twil.

L-applikazzjoni għall-intervent tal-FEG għandha l-għan li tgħin total ta' 2 089 ħaddiem li għażlu l-ewwel tliet għażliet deskritti hawn fuq, jigiġifieri l-proġett professjonali jew personali (113-il ħaddiem), il-liv għal bidla fl-impjieg (1 369 ħaddiem) u l-ħolqien jew l-akkwiżizzjoni ta' impriża (607 ħaddiem).

Fir-rigward tal-liv għal bidla fl-impjieg, l-Artikolu L1233-71 tal-Kodiċi tax-Xogħol jipprevedi li impriża li timpjega aktar minn elf persuna għandha ttipponi l-miżuri li huma definiti għaliha għal żmien minimu ta' erba' xhur u massimu ta' disa' xhur. Skont il-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq, il-perjodu bejn il-ħames u d-disa' xahar huwa għalhekk fakoltattiv u jista' jkun soġġett għal kontribuzzjoni mill-FEG b' mod konformi mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 tar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond. Il-grupp PSA Peugeot Citroën iddeċieda li jipproponi din il-miżura għal perjodu massimu ta' disa' xhur, skont il-pożizzjoni li kellu l-ħaddiem, l-anzjanità u l-post tax-xogħol tiegħu. L-applikazzjoni ma tipprevedi l-ebda kontribuzzjoni għal-liv għal bidla fl-impjieg għall-ewwel erba' xhur tal-programm, li jikkorrispondu maż-żmien minimu previst mil-liġi, u teskludi wkoll il-perjodi kollha li matulhom il-ħaddiema jkunu għadhom koperti min-notifika tas-sensja tagħhom.

19. Il-miżuri ppreżentati hawn taħt huma proposti u dawn kollha jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati maħsuba biex jippermettu r-riintegrazzjoni professjonali tal-2 089 ħaddiem ikkonċernat.

– Unitajiet tal-Impjegati u l-Mobbiltà: Dawn l-24 unità jagħtu pariri ta' orjentazzjoni għat-tfittxija ta' xogħol u għall-offerti ta' taħriġ, jipprovdu l-aċċess għat-taħriġ innifsu u jagħtu pariri dwar il-ħolqien ta' impriżi (pereżempju t-tfittxija ta' finanzjament, it-tfassil ta' pjan ta' żvilupp, l-introduzzjoni għall-ġestjoni...). Dawn l-unitajiet huma magħmula minn impjegati tal-grupp PSA Peugeot Citroën, appoġġati minn parteċipanti esterni li ġejjin minn uffiċċji ta' konsulenza. L-attivitajiet tagħhom huma kkoordinati u organizzati minn unità ċentrali. Is-servizzi tagħhom huma proposti lill-impjegati kollha identifikati għall-għajnuna mill-FEG.

- Taħriġ għal liv għal bidla fl-impjieg: Il-ħaddiema li għażlu li jieħdu l-liv għal bidla fl-impjieg jirċievu informazzjoni adattata għall-ħtiġijiet tagħhom, kif identifikata mill-Unità tal-Impjieg u l-Mobbiltà (pereżempju għajnuna fl-informatika, lezzjonijiet tal-Ingliż...). It-tul ta' żmien ta' dan it-taħriġ jista' jaqbeż id-disa' xhur tal-liv għal bidla fl-impjieg previsti jekk ikunu inklużi fil-pjan ta' taħriġ deċiż mal-unità għal bidla fl-impjieg.
- Taħriġ għal proġett professjonali jew personali: Il-ħaddiema li għażlu l-proġett professjonali jew personali jirċievu taħriġ adattat għat-twertiq tal-proġett tagħhom (pereżempju xogħol ta' mastrudaxxa, metodoloġija ergonomika, pittura għat-tiżjin...).
- Taħriġ għall-ħolqien jew l-akkwiżizzjoni ta' impriża: Il-ħaddiema li għażlu l-ħolqien jew l-akkwiżizzjoni ta' impriża jirċievu taħriġ adattat għat-twertiq tal-proġett tagħhom (pereżempju għajnuna fil-kontabbiltà, taħriġ fit-tmexxija ta' impriża...).
- Allokazzjoni ta' liv għal bidla fl-impjieg: Din l-alkkazzjoni ta' kull xahar, li titħallas sat-tmiem tal-liv għal bidla fl-impjieg, tammonta għal 65% tal-aħħar salarju tal-ħaddiem. Dan l-ammont huwa kkalkulat fuq il-bażi ta' parteċipazzjoni allegat full-time tal-ħaddiema f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol; jekk din il-parteeipazzjoni tkun minima, l-FEG tħallas lill-ħaddiema allokazzjoni kkalkulata fuq bażi *prorata* tal-parteeipazzjoni effettiva tagħhom.
- Għajnuna għall-ħolqien ta' impriża: Din il-miżura hija offruta kemm għall-ħaddiema li għażlu l-proġett professjonali jew personali kif ukoll għal dawk li għażlu l-liv għal bidla fl-impjieg. Din tikkonsisti, skont il-ħtiġijiet tal-ħaddiema kkonċernati, fi:
 - bonus ta' EUR 6 000 imħallas f'darbtejn (l-ewwel nofs fuq preżentazzjoni ta' prova tal-ħolqien jew l-akkwiżizzjoni ta' impriża; il-bqija fuq preżentazzjoni ta' prova li l-impriża tkun għadha teżerċita attivitá reali sitt xhur wara r-reġistrazzjoni tagħha);
 - kumpens lokali għall-impjieg ta' EUR 2 000 imħallas jekk il-ħolqien jew l-akkwiżizzjoni tal-impriża jkun sar fiż-żona tal-impjieg tas-sit ta' stazzjonar inizjali tal-impjegat li telaq mill-grupp PSA Peugeot Citroën;
 - kumpens ta' appoġġ għall-impjieg ta' EUR 1 000 għal kull impjieg full-time maħluq, b'limitu ta' żewġ impjieg maħluqa;
 - self li jitħallas lura ta' EUR 15 000 bla interessi. L-istima tan-nefqa għal din il-miżura biss hija ta' EUR 2 900. Din tikkorrispondi mal-ispejjeż amministrattivi u għall-interessi tas-self li jkunu ddebitati lill-impriża mill-istabbiliment ta' kreditu kkonċernat.

20. L-ispejjeż għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, li huma inklużi fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, ikopru l-attivitajiet ta' tħejjija tal-applikazzjoni għal kontribuzzjoni, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni, ta' reklamar kif ukoll ta' kontroll tal-implimentazzjoni tal-Fondi.

L-attivitajiet ta' informazzjoni proposti minn Franza jinkludu l-pubblikazzjoni ta' bosta artikli dwar l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-FEG fil-midja tal-grupp PSA Peugeot Citroën u fuq l-intranet tar-riżorsi umani, kif ukoll kartelluni ta' preżentazzjoni tal-Fond disponibbli fl-istabbilimenti tal-grupp. Min-naħa l-oħra, il-kartelluni u l-volantini magħmula mill-Kummissjoni dwar l-intervent tal-FEG ġew distribwiti lill-unitajiet ta' informazzjoni lokali fi ħdan l-Unitajiet tal-Impjiegi u l-Mobbiltà. Il-proposta ta' Franza tipprevedi wkoll id-distribuzzjoni ta' komunikazzjoni esterna wara l-approvazzjoni tal-applikazzjoni mill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi spjegaw li l-ammonti baxxi previsti għall-miżuri ta' ġestjoni u ta' kontroll kienu dovuti għall-fatt li dawn ma kinux jinkludu l-ispejjeż għall-attivitajiet li l-awtoritajiet xorta jkollhom iwettqu fil-qafas tal-ġestjoni tal-Gvern.

21. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Franċiżi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fl-azzjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Franċiżi jistmaw li n-nefqa totali ta' dawn is-servizzi hija ta' EUR 18 352 056 u li l-ispejjeż għall-mobilizzazzjoni tal-FEG huma ta' EUR 32 047 (0,17% tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 11 949 666 (65% tan-nefqa totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' ħaddiema kkonċernati	Nefqa stmata għal kull ħaddiem ikkonċernat (EUR)	Nefqa totali (l-FEG u l- kofinanzjament nazzjonali) (EUR) ¹⁰
Servizzi personalizzati [l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006]			
Unitajiet tal-Impjiegi u l-Mobbiltà	2 089	981,43	2 050 206
Taħriġ għal liv għal bidla fl-impjieg	700	3 684,59	2 579 213
Taħriġ għal proġett professjonali jew personali	68	3 131,38	212 934
Taħriġ għall-ħolqien jew l-akkwizzizzjoni ta' impriża	304	3 634,12	1 104 773
Allokazzjoni ta' liv għal bidla fl-impjieg	1 080	5 105,18	5 513 593
Għajjnuna għall-ħolqien ta' impriża	924	7 458,16	6 891 337
Subtotal tas-“Servizzi personalizzati”			18 352 056
Nefqa għall-mobilizzazzjoni tal-FEG [it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006]			
Tħejjija u monitoraġġ			17 047
Organizzazzjoni, kontroll u traċċabbiltà tad-dejta			15 000
Subtotal tal-“Ispejjeż għall-mobilizzazzjoni tal-FEG”			32 047
Total tan-nefqa stmata			18 384 103
Kontribuzzjoni tal-FEG (65% tan-nefqa totali)			11 949 666

22. Franza tikkonferma l-kumplementarjetà tal-miżuri deskritti hawn fuq mal-azzjonijiet ifffinanzjati mill-Fondi Strutturali u tiggarrantixxi n-nuqqas ta' finanzjament doppju billi ma għandhom l-ebda għajjnuna oħra, kemm mill-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-

¹⁰ It-totali ma jikkorrispondux minħabba li huma mqarrba lejn l-eqreb ċifra sħiħa.

Gvern Franċiż. Ftehim bejn il-Gvern Franċiż u l-grupp PSA Peugeot Citroën jikkonferma l-obbligu li jiġi garantit in-nuqqas ta' finanzjament doppju.

Id-data meta nbdew jew meta huwa maħsub li jinbdeu is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema kkonċernati

23. Franza bdiet tipprovdi lill-ħaddiema kkonċernati s-servizzi personalizzati msemmin fil-pakkett ikkoordinat propost għall-kofinanzjament mill-FEG fl-1 ta' Jannar 2009, id-data li fiha l-ħaddiema kkonċernati bdew jibbenefikaw mill-miżuri kollha previsti mill-pjan tat-tluq volontarju. Din id-data, għalhekk, tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kwalunkwe għajjnuna li tista' tingħata mill-FEG.

Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali

24. Fit-2 ta' Diċembru 2008, il-Kumitat Ċentrali tal-impriża ltaqa' b'mod straordinarju sabiex jiddiskuti dwar il-proġett ta' pjan ta' sejħa għal tluq volontarju previst mill-grupp PSA Peugeot Citroën. Il-Kumitat Ċentrali tal-impriża mbagħad ltaqa' bosta drabi matul is-sena 2009 sabiex jevalwa t-tweqqif tal-pjan ta' sejħa u jikkonkludi dwaru. It-tressiq ta' applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-FEG tħabbar f'laqgħa straordinarja tal-Kumitat Ċentrali tal-impriża fl-20 ta' April 2010. Barra minn hekk, it-trejdjunjins ġew infurmati b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri.
25. L-awtoritajiet Franċiżi kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u f'dik tal-UE li jikkonċernaw is-sensji kollettivi ġew issodisfati.

Informazzjoni dwar l-azzjonijiet li huma obligatorji skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi

26. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Franċiżi fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tissostitwixxix l-azzjonijiet li huma r-responsabbiltà tal-impriżi bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
 - taw prova li l-miżuri għandhom l-għan li jipprovdu għajjnuna lill-ħaddiema kkonċernati u mhux li jirristrutturaw l-impriżi jew is-setturi ta' attività;
 - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmin hawn fuq ma jirċevux għajjnuna minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

27. Franza għarrfet lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita mill-Missjoni tal-Fondi Nazzjonali għall-Impjiegi (Mission du Fonds national de l'emploi - FNE) fi ħdan id-Delegazzjoni Ġenerali għall-Impjiegi u t-Taħriġ Professjonali (Délégation générale à l'emploi et à la formation professionnelle - DGEFP) tal-Ministeru tax-Xogħol, l-Impjiegi u s-Saħħa. Il-ħlasijiet se jkunu ġestiti mill-Missjoni għall-Finanzjament, il-Baġit u d-Djalogu tal-Ġestjoni (Mission du financement, du budget et du dialogue de gestion - MFBDG) fi ħdan id-Dipartiment tal-Finanzjament, id-Djalogu u l-Kontroll tal-Ġestjoni tal-Ministeru msemmi. L-awditjar u l-kontrolli se jitwettqu mill-Missjoni għall-Organizzazzjoni tal-Kontrolli (Mission organisation

des contrôles - MOC) fi ħdan is-Subdirettorat tal-Politiki tat-Taħriġ u tal-Kontroll tal-Ministeru msemmi. Iċ-ċertifikati se jiġu pprovduti miċ-Ċentru taċ-Ċertifikati tad-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi Pubbliċi.

Finanzjament

28. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni ta' Franza, il-kontribuzzjoni proposta mill-EGF għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (inklużi l-ispejjeż għall-intervent tal-FEG) hija ta' EUR 11 949 666, li tirrappreżenta 65% tan-nefqa totali. L-għajjnuna proposta mill-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li nġhatat minn Franza.
29. B'kunsiderazzjoni tal-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG stabbilita fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll tal-marġni disponibbli għall-allokazzjoni mill-ġdid tal-appropriazzjonijiet, il-Kummissjoni tippromovi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokat skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
30. Il-kontribuzzjoni proposta se tħalli aktar minn kwart l-ammont massimu annwali ddestinat għall-FEG disponibbli għall-ħtiġijiet tal-aħħar erba' xhur tas-sena, b'mod konformi mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
31. B'din il-proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, il-Kummissjoni qiegħda tniedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu prevista fil-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim, fl-livell politiku xieraq, dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, għandha tissejjaħ laqgħa formali tat-trijalogu.
32. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba għall-awtorizzazzjoni ta' trasferiment sabiex fil-baġit għall-2012 iddaħħal l-appropriazzjonijiet għall-impenji speċifiċi, b'mod konformi mal-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors tal-appropriazzjonijiet għall-ħlas

33. L-appropriazzjonijiet imsemmija fil-linja baġitarja tal-FEG se jintużaw biex ikopru l-ammont ta' EUR 11 949 666 meħtieġ għal din l-applikazzjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/015 FR/Peugeot minn Franza)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹¹, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni¹², u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea¹³,

billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat ta' bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 000 000.
- (4) Fil-5 ta' Mejju 2010, Franza ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG għal sensji li saru fil-grupp PSA Peugeot Citroën fi Franza u kkompletatha b'informazzjoni addizzjonali bl-aktar reċenti fit-13 ta' April 2012. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja kif stabbilit fl-

¹¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

¹² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

¹³ ĠU C [...], [...], p. [...].

Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni, għalhekk, tipproponi li timmobilizza ammont ta' EUR 11 949 666.

- (5) L-FEG għandu, għalhekk, jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa minn Franza,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 11 949 666 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlas.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President